MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2007

Numru 558/2002

**Il-Pulizija**
**(Sp. Dennis Theuma)**

**v**

**Lawrence Parascandalo ta' 54 sena, iben**
**Carmelo u Maria nee Caruana (mejtin)**
**imwieled Birgu 2/05/1947 residenti 20,**
**Triq il-Kwartieri, Birgu u bin-numru**
**tal-karta tal-identita' bin-numru 444147 (M)**

**Paul Aquilina ta' 46 sena iben Nazzareno u**
**Agnes nee Chircop imwieled Zebbug 11/09/1955**
**Resienti 24, Sunset, Flat 4, Pawlu Balzan Street,**
**Zebbug karta tal-identita' bin-numru 629555 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Lawrence Parascandalo u Paul Aquilina li gew akkuzat talli nhar it-22 ta' Novembru, 2000 f'dawn il-gzejjer,

(1) bhala ufficjali jew impjegati f'amministrazzjoni pubblika, jew tal-Gvern ta' Malta jew mal-Gvern ta' Malta, sew jekk kellhom kemm jekk ma kellhomx jedd li jesigu flus bhala salarju tad-dmirijiet tagghom, jew akkont tal-Gvern ta' Malta jew stabbiliment pubbliku, illi taht il-libsa tal-kariga taghhom, esigew dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dakli tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-ligi u dan bi ksur tal-artikoli 112, 113 u 114 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
(2) Bhala ufficjali jew impjegati pubblici li in konnessjoni mal-kariga taghhom, ircevew jew accettaw ghalihom jew ghal haddiehor weghda jew offerta ta' flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom ma kellhomx jedd u dan bi ksur ta' l-artiklu 115(b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
(3) Fl-istess lok, hin u cirkostanzi kontra komplici f'delitt skond kif specifikat fl-artikolu 42(b), (d) u (e) rispettivametn tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fi stadju ta' interrogatorju l-akkuzati t-tnejn rispettivament wiegbu li ma kinux hatja ta' l-akkuzi kfi dedotti kontra taghhom. In oltre esebit il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji (fol 4), kull imputat rispettivament wiegeb li ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat in-noti esebiti.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi din il-Qorti se tibda biex taghmel succint ta' dak li qal ix-xhud principali tal-Prosekuzzjoni u cioe Publius Zammit.

Ghalhekk dana Zammit jghid illi huwa kien mar jirregistra gewwa l-Imsida, jghid li minn hemm kien sejjer lejn Bugiba biex isellef welding set lil habib. Jghid li biex imur hemm huwa ghadda min-nizla ta‘ Alla u Ommu, qasam lejn is-Salini, hawn sab it-triq maghluqa. Nizel biex inehhi l-barrier u kif dawwar wiccu sab lil Parascandalo ma‘ wiccu, individwa ruhu bhala spettur ta‘ ETC. Qallu li segwih mill-Imsida u akkuzah li kien qieghed jahdem u semmielu l-multa minhabba t’hekk ta‘ Lm 500. Meta sab il-welding set fil-wara tal-van, Parascandalo aktar riafferma li Zammit kien qieghed jahdem nonostante li kien jirregistra. Publius Zammit baqgha jichad din l-akkuza u saqsihom jekk iridux flus ghal liema mistoqsija Parascandalo wiegeb “heqq heqq“ (fol 39). Qal li biex jehles minnhom offrilhom Lm 20 pero‘ l-iehor minnu indikat bhala l-akkuzat Aquilina qallu biex jaghtihom Lm 50. Innegozjaw li jaghtihom Lm 30. Jghid ukoll li tahom ukoll il-mobile biex ikunu jistghu icemplulu. Jghid li l-ghada cemplulu, hawn minflok kif kien miftiehem mar jaghtihom il-flus, heddidhom li kien se jaghtihom xebgha sikkina u anke b’mewt jekk ma jhalluhx bi kwietu. Kien hawn li mar jirraporta dan il-fatt lill-Pulizija. Jghid li dak iz-zmien kellu n-numru tal-mobile 9986 0014.

Jitkellem dwar il-fatt li hu kien ra lill-istess nies gewwa l-Marsa jaghmlu l-istess li ghamlu mieghu. Jghid li habib tieghu spicca anke hallashom. Taht pressjoni mill-Qorti Zammit semma dan il-habib bhala Dominic ta‘ Domar Construction gewwa l-Marsa.

Dwar ir-rapport li ghamel mal-Pulizija jghid li minn fuq il-mobile tieghu huwa wera lill-Pulizija t-telefonata li kien irceva minghand wiehed mill-akkuzati. Jghid li s-sim li fuqu rceva din it-telefonata kienet ghandu go daru.

Dwar it-talba li ghamlu l-akkuzati jghid li l-ewwel it-talbiet gew minghand Parascandalo u sussegwentement l-iehor (allura Aqulina) issuggerixxa li jiehdu l-welding set. Jghid li waqt dan kollu iz-zewg akkuzati kienu prezenti.

<u>Jghid li hu lil dawn iz-zewg persuna ma tahom qatt flus</u> (enfazi tal-Qorti).

Ikkonferma r-rapport minnu rilaxxat (Dok JC fol 35-36). Hawn semma Peugeot 206 blu b'wahda mill-ittri tan-numru ta' registrazzjoni l-ittra K, li kienet allura l-vettura li fiha kienu l-akkuzati.

Aktar tard fil-mori tal-kawza Publius Zammit reggha telgha jixhed dwar l-imsemmija Simcard. Din id-darba qal li xi xahrejn wara s-seduta kien tefgha s-simcard gol-kartiera u kien qabez il-bahar biex jaqbad dghajsa li kienet harbitlu minn fuq il-karru. Jghid li kien hekk li l-kartiera hargitlu mill-but u tilef kollox. B'dan ir-rakkont, kif gie mfakkar mill-istess Ufficjal Prosekutur, Publius Zammit kien qieghed jikkontradixxi ruhu minhabba l-fatt li hu kien ghamel rapport mal-Pulizija, ma' PS 1377 Emanuel Gauci, li waqt li kien qed jaghti l-petrol gewwa Zammit Service Station, kien nesa l-kartiera hemm (vide rapport esebit a folio 75 minn PS 1377). F'dan ir-rigward Zammit pero' xehed illi huwa meta ghamel ir-rapport kien semma dawn iz-zewg possibilitajiet ta' kif intilfet is-simcard. Dwar l-affarijiet li tilef Zammit, f'wiehed minn dawn l-incidenti, hu kien ezatt kemm fir-rapport kif ukoll fix-xhieda tieghu viva voce. Ghandu jinghad li f'dan l-istadju, Zammit reggha rritjena u rrakkonta l-incident ta' l-allegati akkuzi li ghamel fil-konfront ta' Parascandalo u Aquilina u ma biddel xejn mill-verzjoni precedentement minnu moghtija.

Dwar dak li hu kien precedentement xehed fuq Dominic tal-Marsa, f'din it-tieni depozizzjoni tieghu, qal li hu f'dan ir-rigward kien tfixkel u li kien terz iehor (ismu mhux maghruf) li kien qallu li kaz simili kien gara ghand id-Domar Construction, allura nvoluti l-istess akkuzati.

Fir-rigward ta' dan Dominic, dan gie individwat bhala certu Dominic Abela. Dan ukoll ittella' jixhed u nnega li kien jaf lil Publius Zammit. Cahad ukoll illi ghandu qatt saret xi inspezzjoni ta' l-impjegati ta' ETC. Lanqas ma gharaf li xi wiehed mill-ko akkuzati.

Provi ohra migjuba kienu fir-rigward tal-vettura uzata mill-akkuzati fid-data tal-akkuza u dwar l-impieg ta‘ l-akkuzati t-tnejn kemm huma. Ghalhekk xehed Manuel Dimech, Senior Executive Compliance mill-ETC, qal illi z-zewg akkuzati kienu nies “tieghu“ (folio 53, cioe jahdmu tahtu) , b’dan illi fid-data ta‘ l-akkuza, 22 ta‘ Novembru, 2000 huma kienu jahdmu bhala spetturi mal-ETC. Spjega li kull team kompost minn tnejn min-nies, kellhom area specifika biex iduru u jaraw jiltaqghux ma’ xi hadd li qed jahdem b’mod irregolari (folio 53).

Hubert Debattista executive imexxi l-law enforcement mal-Korporazzjoni tal-Impieg u x-Xoghol ukoll xehed dwar l-impieg tal-ko-akkuzati. Ghalhekk ipprezenta sensiela ta‘ dokumenti, Dok LD u PA dwar l-impieg tal-ko akkuzati fi hdan il-Korporazzjoni. Gie pprezentat ukoll il-Gate Registrar tal-Korporazzjoni ghas-sena 2000. A folio 110 ta‘ l-istess gia mmarkat b‘“highlighter orange“ fid-data ta‘ l-allegat incident, hemm imnizzel li Parascandalo fis-14.35 hareg bil-vettura GAK-373. Din l-entry hija kkonfermata minn Manuel Balzan Security Officer mal-Korporazzjoni. Balzan fil-fatt irrikonoxxa u nizla biss lil Parascandalo bhala xufier tal-vettura GAK-373.

Gie esebit ukoll mill-Ispettur Theuma d-dokument mahrug mid-Data Track Systems Ltd. dwar il-vettura adetta mal-ETC bin-numru ta‘ registrazzjoni GAK-373 (vide Dok DT folio 27-28).

Martin Zammit direttur tad-Data Track xehed dwar dan. Qal li l-vetturi tal-ETC huma kollha koperti b’dan it-tracking device. Dwar id-dokument DT1 kkonferma l-lokazzjoni tal-vettura GAK-373 fid-data tal-22/11/02. Spjega li fejn hemm “highlighted“ fuq id-dokument imsemmi, il-vettura msemmija kienet fil-lokalita‘ tan-Naxxar, limiti ta‘ Burmarrad. Stabilixxa hin meta l-istess vettura kienet wieqfa f’dik il-lokalita’ ikkalkula li setghet damet hemm wieqfa ghal cirka hdax-il minuta (folio 62).

Barra x-xhieda hawn fuq riprodotta (in succint) tal-Prosekuzzjoni xehdu wkoll l-akkuzati viva voce. L-istess fi stadju ta‘ investigazjoni ghazlu li jwiegbu ghad-domandi

lilhom maghmula mill-Ufficjal Prosekutur, liema stqarrijiet gew debitament esebiti mill-Ispettur Dennis Theuma bhala Dok LP u PA folio 21-24.

Hawn il-Qorti ghar-ragunijiet ta‘ regoli li jolqtu l-ko akkuzati se tipproduci biss dawk il-partijiet kemm mill-istqarrijiet u x-xhieda li jistghu jolqtu biss lill-akkuzat li qalhom.

Lawrence Parascandalo spjega fl-istqarrija tieghu illi hu jahdem bhala inspector mal-ETC u li fid-data ta‘ l-akkuza kien xoghol flimkien ma‘ siehbu u li kien qed isuq il-karozza Peugeot blu bin-numru ta’ registrazzjoni GAK-373. Jghid li kien qed jaghmlu follow up fuq persuna ta’ sess maskili, segwewh, waqqfuh fil-vicinanzi tat-telgha ta‘ Alla u Ommu u Burmarrad. Dan ir-ragel kien qed isuq van. Hargu u kellmuh. Jammetti li din il-persuna gie mitlub il-flus, pero‘ originalment mhux minnu. Jghid li dan ir-ragel gie mitlub is-somma ta‘ hamsin lira biex jaghlqu ghajnejhom. Jammetti li dan ir-ragel tah il-mobile number tieghu biex jiftehmu fuq il-post u data fejn kien se jghaddilhom il-flus li talbuh. Dwar il-fatt li ta‘ dan il-follow up ma ghamlux rapport, jghid li galadarba ma sabu xejn irregolari ma kellhomx ghalfejn jaghmlu rapport. Oltre hekk jammettu li stante li ntalbu l-flus minghand din il-persuna ma kienx ikun prudenti li jdahhlu tali rapport. Jammetti wkoll illi cempel lil din il-perusuna fuq il-mobile taghha ghalhekk bilfors li kien ha l-mobile ta‘ din il-persuna. Jammetti wkoll illi qatt ma ha flus minghand din il-persuna gialadarba li l-ghada meta cempillu, dan beda jkellmu hazin u jheddu li se jmur ghand il-Pulizija.

Viva voce Parascandalo jindika lil Publius Zammit bhala l-persuna li warajha saret il-follow up. Jghid li Zammit kien qed jirregistra l-Imsida u ghaliex dahlilhom suspett segwewh sa hdejn it-telgha ta‘ Alla u Ommu. Hawn meta dahal go dead end waqqfuh. Issa Parascandalo biddel il-verzjoni tieghu, jghid li darba mwaqqaf, Zammit beda jghajjat u meta fittxewlu jekk kellux ghodda, kien hu li offrielhom il-flus, sahansitra meta fetah il-van offrilhom il-welding set li kellu fuq wara. Ikkonferma li dak il-hin ma ttiehdux flus.

Dwar dak li kien stqarr fi stadju ta‘ interrogatorju u dwar it-talba ta‘ flus li saret minnu bhala Ufficjal tal-ETC lil Zammit, issa viva voce rritjena li kien Publius Zammit li offra s-somom imsemmija ta’ hamsin u tletin lira Maltin.

Min-naha tieghu Paul Aquilina fl-istqarrija wkoll jammetti li kien xoghol mal-ko impuat fid-data tal-akkuza u li kien fil-vettura GAK-373, Peugeot blu. Jammetti l-follow up ta‘ persuna li kienet qed tirregistra l-Imsida u li wara li segwew li din il-persuna, waqqfuh fil-vicinanzi gia msemmija. Hawn jghid li hargu minn go vettura biex ikellmuh u li semgha lil siehbu jitlob il-flus lil din il-perusna biex jaghlqu ghajnejhom. Jghid li ghal dan id-diskors hu ma haseb xejn hazin. Imbaghad jinnega li hu semgha li talb ta‘ flus anzi jghid li meta siehbu kien qed jiftiehem ma’ din il-persuna, hu biex ma jisma‘ xejn dahal fil-vettura. Spjega wkoll in kwantu f’dan il-follow up ma nstab xejn irregolari ma kellhomx ghalfejn isir rapport. Innega li hu gie offrut xi flus minn siehbu.

Viva voce Paul Aquilina kkonferma li fid-data ta‘ l-incident kien jahdem ma’ l-ETC. Jikkonferma l-follow up li sar fuq Publius Zammit, anke li waqqfuh. Jghid li meta fethulu l-van, (anke ghax rawh bi hwejjeg mahmugin), sabu bicca ghodda. Jghid li dan Zammit beda jsostni maghhom li hu kien jisraq xihaga u jbieghha u sahansitra anke offrielhom din l-ghodda.

Jghid li l-flus issemmew bhala referenza ghal multa li wiehed jehel jekk jinqabad jahdem waqt li kien qed jirregistra. Dwar arrangamenti li setghu saru jimputahom lil siehbu ghax hu waqt dan id-diskors mar gol-vettura.

Sostna li ghad-differenza ta‘ dak li jigri fi ‘spot checks‘ meta jsiru follow ups, kif kien il-kaz ta‘ Zammit, jekk ma jinstab xejn irregolari ma jsir ebda rapport.

Innega li hu qatt talab flus lil dana Publius Zammit.

Jammetti illi dan Zammit twaqqaf f’post imwarrab. Irritjena li lil dan Zammit ma sabulu ebda infringement pero` qatt ma reggha haseb jew ta kaz ghad-diskors li

semgha jsir bejn Zammit u l-ko akkuzat. Jinnega li hu qatt kellu xi kuntatt iehor ma‘ Zammit.

Irritjena illi anke meta Zammit ghamlilhom xi offerta li jaghtihom l-ghodda, jew semmilhom il-fatt li kien jisraq, ma hassx il-bzonn li kellu jirraporta dan id-diskors.

Ikkonsidrat

Illi ghal kjarezza u anke ghax legalment huwa punt kardinali fil-proceduri kriminali, jerga‘ jigi ripetut li dak li qal ko akkuzat fuq il-ko-akkuzat l-iehor qatt ma jista‘ jintuza bhala prova hlief fil-konfront ta‘ min jghidu.

Issa tibda l-Qorti biex taghmel il-kumment taghha dwar il-fatti rizultanti mill-atti processwali. Il-Qorti ma tistax ma tikkummentax dwar id-darbtejn li x-xhud principali, Publius Zammit inqabad f’inezattezzi fix-xhieda tieghu, dana fir-rigward tas-Sim Card tieghu li l-Qorti ordnat li tigi esebita u x-xhieda li l-istess ta fuq certu Dominic tal-Marsa, kif gia gie sottolineat. Fil-fatt kif gia rrizulta fil-konfront tas-Sim card, Zammit ta zewg verzjonjiet differenti ghala din ma gietx esebita. Lanqas ma kien preciz f’dak li allega li qallu “Dominic” fir-rigward ta’ l-atteggjament ta’ l-akkuzati. <u>Pero</u>` (enfazi tal-Qorti) din il-Qorti qieset ukoll illi Publius Zammit kien ferm konsistenti fir-rakkont tieghu ta’ kif gara l-incident bejnu u bejn il-ko-akkuzati, konsistenti anke fid-dettall tal-hsara li gralu fil-vettura tieghu minhabba li kien strumblat b’dak li ghamlulu l-ko akkuzati u sahansitra bla tlaqliq ammettendo wkoll b’certa konsistenza t-theddida ta’ mewt diretta lejn wiehed mill-akkuzati li cempillu l-ghada jkompli b’estorsjoni ta’ flus. Barra minn hekk il-fatt li Parascandalo u Aquilina segwew lill-akkuzat huwa ammess minnhom fl-istqarrijiet u x-xhieda taghhom rispettivi.

Illi dan huwa ben korroborat anke minn provi ohra mressqa. Jirrizulta bhala fatt li l-vettura misjuqa minn Parascandalo, b’Aquilina bhala passiggier, kienet fil-gurnata u hin ta’ l-incident fl-inhawi tat-telgha ta’ Alla u ommu u Burmarrad.

Illi l-fatti kollha prodotti bhala evidenza jwasslu lil din il-Qorti ghal konvinciment morali illi fil-fatt l-akkuzati talbu u ppretendew flus minghand Publius Zammit, liema flus ma kienux la lilhom dovuti u lanqas ma kien ghalihom titolati skond il-ligi.

Pero` stabbilit dan, il-Qorti hija rinfaccata b'ezercizzju iehor; issa dawn il-fatti kif esposti ghandhom jigu ezaminati fil-konfront tar-reati addebitati lill-akkuzati. Hawn il-Qorti se taghmel konsiderazzjoni wahda applikabbli ghaz-zewg akkuzati.

Illi l-Qorti hawn se taghmel ampja referenza ghal dak li gie sottomess fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' Parascandalo u dak verbalment sottomess fil-konfront ta' Aquilina. L-Abbli Avukati Difensuri b'referenza ghall-artikoli 112, 113 u 114 tal-Kapitlu 9 u ghalhekk l-ewwel akkuza, qablu illi dan l-artikolu 112, qatt ma setgha jigi ppruvat in kwantu manka rekwizit importanti mill-fatti prodotti biex l-istess reat jigi kostitwit. L-ezami hawn ghandu jsir fil-konfront tar-rekwiziti tal-artikolu msemmi in kwantu l-artikolu 113 huwa zieda ghal modus operandi fl-artikolu ta' qabel u l-artikolu 114 huwa l-aggravanti ghaz-zewg artikoli msemmija.

L-artikolu 112 tal-Kapitlu 9 jghid:

"Kull ufficjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika jew kull impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk ikollu kemm jekk ma jkollux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tighu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi that il-libsa tla-kariga tighu, jesigi dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-ligi,jehel, meta jinsab hati l-piena ta' prigunerija minn tliet xhur sa sena."

Mela huwa fatt pruvat illi Parascandalo u Aquilina huma impjegati tal-ETC ghalhekk l-ewwel rekwizit taht l-artikolu in ezami huwa sodisfatt. Daqstant iehor huwa pruvat fil-fehma ta' din il-Qorti li l-akkuzati talbu flus minghand

Publius Zammit ghal liema flus huma certament ma kienux intitolati. Pero' l-ligi trid fl-artikolu msemmi illi dawn il-flus hekk mitluba jintalbu "...taht il-libsa tal-kariga tieghu." (taghhom f'dan il-kaz).

Issa kif sew iccita l-abbli Avukat Difensur il-Qorti ukoll irrikorriet ghal dak il-Prof Mamo fin-"Notes on Criminal Law" Revised Edition 1954 – 1955 f'pagna 83 ta' l-istess meta jitkellem fuq ir-rekwiziti tar-reat in dizamina, "Unlawful Exaction". Jghid ghalhekk il-Mamo "... it is necessary for the constitution of this crime that the unlawful exaction be made by the public functionary, under the colour of his office. "What is exacted must be exacted under the pretext that it is legally due". Juris colore causato". The exaction thus creates in the private contributor a sense of grievance against the Government by making him believe that by order or the authority of the Government exorbitant fees or too heavy impositions are exacted."

F'dan ir-rigward l-Antolisei jitkellem dwar ir-rekwizit tal-"atto d'ufficio" u jghid li ghandu jkun "... compiuto nell'esercizio della pubblica mansione che percio rientra nella sfera di competenza del pubblico ufficiale o dell'incaricato di un pubblico servizio." Pagna 313 Antolisei Manuale di Diritto Penali Pare Speciale II.

Certament mill-provi prodotti dak mitlub mill-ko akkuzati lil Publius Zammit ma kienx mitlub taht il-pretest li kien "legally due". It-talba ta' flus biex naghlaq ghajnejja qatt ma tista' tkun legally due skond kif definit mill-Mamo. Ghalhekk ghandhom ragun l-Avukati Difensuri li dan ir-rekwizit hu mankanti mill-fatti prodotti percio ir-reat taht l-artikolu 112, 113, 114 ma jistghu qatt jirrizultaw u ghaldaqstant l-akkuzati Lawrence Parascandalo u Paul Aquilina qed jigu liberati mill-istess.

Ir-reat l-iehor addebitat lill-akkuzati huwa dak taht l-artikolu 115(b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan l-artikolu llum jaqra:

"Kull ufficjal jew impjegat pubbliku, li in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu jitlob, jircevi jew jaccetta.." (enfazi tal-Qorti).

Issa kif ben sottolineat mid-Difiza dan l-artikolu inbidel bil-forza tal-Att Numru III ta' 2002 in kwantu giet inkluza l-kelma jitlob mal-azzjoni ga ezistenti li l-agent jircevi jew jaccetta.

Ghalhekk precedentement ghal din l-ammenda, l-azzjoni ta' l-agent punibbli taht l-imsemmi artikolu kienet wahda fuq zewg binarji, cioe li "jircevi jew jaccetta" mentri llum huwa punibbli wkoll il-fatt li l-ufficjal jew impjegat pubbliku jitlob xi flejjes li ghalihom mhux intitolat.

Issa in kwantu din l-azzjoni tat-talb ta' flus, reza fil-kuntest ta' l-artikolu 115 tal-Kapitlu 9 bhala azzjoni punibbli bhala delitt ma tista' qatt ikollha effett retroattiv gialadarba din iz-zieda dahlet fis-sehh fis-sena 2002 u r-reati in dizamina sehhew fit-22 ta' Novembru, 2000, allura tali ammenda mhux applikabbli ghall-kaz in dizamina.

Huwa ferm car mill-provi li Parascandalo u Aquilina talbu l-flus lil Zammit - dik l-azzjoni fiz-zmien tar-reat ma kinitx punibbli taht l-artikolu 115 tal-Kapitlu 9. Huwa anke pruvat, dan anke mix-xhieda ta' Publius Zammit, li hu qatt ma tahom flus, fatt aktar il-fuq emfasizzat mill-Qorti, allura r-reat ikkontemplat taht l-artikolu 115 kif kien qabel l-emendi msemmija ma giex pruvat. Ghaldaqstat Parascandalo u Aquilina qeghdin jigu wkoll liberati minn din l-akkuza kif dedotta kontra taghhom.

L-ahhar reat addebitat lil Parascandalo u Aquilina huwa dak ta' komplicita' taht l-artikoli 42 tal-Kapitlu 9. Huwa ovvju li tali reat ma jregix fin-nuqqas ta' reat principali li minnhom gia gew liberati.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi qeghda tilliberahom mill-akkuzi kif dedotti kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------